L-EWWEL KTIEB
TAL-ERBATAX-IL SENA

MARZU
1938

# IL-MALTI

## QARI

LI TOHROĠ

*IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

ROYAL UNIVERSITY LIBRARY MALTA

XFIH DAN IL-GĦADD

Iż-żmien u s-Sabar fil Kitba Letterarja — Dan Min Hu? (D K.) — 'L hawn u 'l hemm fid-Dizzjunarji tal-Malti (P. P. SAYDON) — Biċċa mill-Istorja tal-Knisja ta' Malta (M. D.) — Ħajja Qasira (K. VASSALLO) — It-Tliet Grazzji (IVO MUSCAT-AZZOPARDI) — Epithalamion (Ġ CHETCUTI) — Il-Mewt ta' Nonny (BASKAL) — Imħabba Sıekta (D.K) — Għajdut Malti (R.M.B.) Eżami tal-Malti — Konkors Letterarju — 1938.

# IL-MALTI

## QARI

LI TOĦROĠ

*IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

L-ERBATAX-IL SENA 1938

MALTA
EMPIRE PRESS
1938

# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

L-EWWEL KTIEB TA' L-1938

## IŻ-ŻMIEN U S-SABAR FIL-KITBA LETTERARJA

Kull ħaġa titlob iż-żmien tagħha; u aktar ma l-ħaġa li għandha tiġi hi kbira, tas-saħħa, dewwemija, aktar iż-żmien meħtieġ għat-tiswir tagħha għandu jkun twil u mimli: u jekk din il-ħaġa għandha tkun ukoll sabiħa li togħġob, tgħaxxaq, issaħħar, bla tarf irid ikun is-sabar fir-rqim minn tagħha.

Min irid jagħmel xogħol tas-sew letterarju u ma jifhemx din il-verità prattika għall-aħħar, f'bosta ħabtiet jiġrilu waħda minn dawn it-tnejn: jew igħaġġel fejn għandu jmur bil-mod, u l-ħaġa li jrid jagħmel toħroġ nieqsa, imfellka, bla ħajr; jew jitlef sabru fl-aħjar, tonqsu l-qalb li jaħdem u jistenna, u jħalli xogħlu bla mitmum.

Dawn l-erba' kelmiet irridu ngħiduhom l-iżjed lill-kittieba ż-żgħażagħ tal-Malti, għax ma rriduhomx kieku jitilfu żmienhom igħawġu u jitbiegħdu minn fejn jixtiequ jaslu, jew jaqtgħu qalbhom mit-trieq, għax ftit ħarxa u twila, u jerġgħu lura wara l-ewwel passi.

Ta' din il-verità li semmejna fuq, in-Natura, li fil-liġijiet tagħha hi dejjem eżatta, u, għal min irid jitgħallem, hi mgħallma perfetta, tqegħdilna quddiem għajnejna turijiet sbieħ tal-għaġeb. Nieħdu żerriegħa jew

basla tal-ward u żerriegħa ta' l-arawkarja, nitfgħuhom fl-art f'ħin wieħed, ngħattuhom bit-trab u nsaqquhom kif jiġi minnu. Wara ftit tal-ġranet iż-żerriegħa, jew il-basla li tkun tal-ward taraha tnibbet; iżda jgħaddu x-xhur u x-xhur il-kbar, u tan-nebbieta ta' l-arawkarja għad ma hemm ebda ħjiel. Għaliex? Għax iż-żerriegħa tal-ward tagħti pjanta, jew siġra li matul sena tnibbet, tarmi, twarrad, titbiel, tinxef u tmut, u ż-żerriegħa l-oħra tagħti siġra ġgantija li wara bosta għexieren ta' snin tibqa' fuq tagħha, tħaddar u togħla u tifrex il-weraq jew ħriegħi il-ġmiel tagħhom.

U fuq it-turijiet tan-natura — aktarx wara ħafna tiġrib u tiġrif—itgħallmu l-bennejja jwettqu s-sengħa tagħhom u jagħtu ż-żmien meħtieġ lil kull xorta ta' bini li jridu jtellgħu. Iridu daqsxejn ta' dwejra kemm wieħed ikollu fejn idaħħal rasu meta jkun jaħdem fil-beraħ? jinżlu sa wiċċ il-blat, ineħħu xi qoxra, jitfgħu filata sies u, ġebla fuq ġebla, itellgħuha f'dawra ta' ftit xmux. Iżda jekk għanhom hu għal dar kbira, għamara ta' saħħa u ta' hena għaldejjem, dawn il-bennejja jinżlu bil-beqqun ġol-blat sa ma jneħħu l-qxur kollu u jsibu s-samm, u hemmhekk biss iqiegħdu s-sisien fuq sodda tajba u jorbtuhom bi ktajjen, biex fehmithom ma tiġix nieqsa. U arahom, meta l-bini jibda tiela', bl-iskorra, l-invell, bir-riegla ċomb, bil-pal, iqisu, iħarsu, jinvellaw, irażżnu, sakemm kull ġebla tiġi f'postha, għal qalbhom u fil-għajn sabiħa.

Ma nħossuniex aħna nitgħaxxqu meta nieqfu nħarsu lejn djar ta' kobor u ta' ġmiel tal-għaġeb f'din il-gżira tagħna li ilhom il-mijiet tas-snin fuq riġlejhom u bil-ħarsa tagħhom kbira u kwieta donnhom iridu jgħidulna li huma lesti biex jiġġieldu ma' mijiet oħra! Ma nħossux, min-naħa l-oħra, qalbna tibki ġo sidirna, meta naraw djar mibnijin ftit snin ilu biex ikunu l-għa-

majjar ħenjin ta' familji ħaddiema, kollha mxegħrin, mixquqin, mifluġin li jżommu u ma jżommux u tibża' ddaħħal rasek fihom!

U issa għalina. Qalbna titgħaxxaq meta tiġi f'idejna kitba—rumanz, novella, buzzett, poeżija—maħsuba tajjeb, imqassma sewwa, mibnija sħiħ u mżejna kif jixraq; iżda tibki meta niltaqgħu, f'xi rokna ta' biblijoteka, ma' kitba oħra mitfugħa fil-karta bla ħsieb, imfassla u meħjuta ħażin għal nuqqas ta' sabar jew għall-għaġla ta' min kiteb. Min ma jifraħx jaqra n-novelli ta' Temi Zammit, in-"Nazju Ellul" ta' Muscat-Azzopardi, l-"Ines Farruġ" ta' Caruana, l "Inni Mqaddsa" ta' Mifsud Tommasi li wara għaxra, erbgħin, ħamsin u tmenin sena għadhom qawwijin u sħaħ bħal meta ħarġu minn idejn il-kittieba tagħhom u għadhom jinqraw bil-pjaċir minn kull min fil-letteratura jħobb it-tajjeb u s-sabiħ? U min ma jħossx għafsa ta' qalb, meta jara ħafna kitba tal-bieraħ, biex ma ngħidx tal-lum, bla sinsla, bla saħħa, bla ħajja tmut fil-waqt li titwieled u flok ma taqla' dawk l-effetti li għalihom aktarx tinkiteb, ma taqlax ħlief xi kelma ta' mogħdrija, jekk ukoll mhux xi tbissima minn taħt minn taħt, jew xi tikmixa tax-xofftejn li donnha trid tgħidlek: Jaħasra! kemm żmien mitluf! kemm flus mitfugħa mar-riħ?!

Niftakru mela: Mhux min jikteb l-aktar, iżda min jikteb l-aħjar; u biex wieħed jikteb l-aħjar irid iż-żmien —żmien ta' ħsieb, ta' qies, ta' fili ta' kulma jiġri madwarna—, u s-sabar fit-tiswija, fir-rqim ta' dak li filħeġġa tal-kitba, jista' joħorġilna mill-pinna. Iż-żmien u s-sabar fil-kitba huma bħall-ilma u l-ħalib fis-sigar: huma biss iġibu l-ward sabiħ u l-frott bnin tal-letteraturi.

# DAN MIN HU?

## GĦANJA TAL-MISTERU TA' KRISTU

Ġejt fid-dinja: bosta ħlejjaq
semgħu kliemek, raw għamilek
kollu għerf, għeġubijiet:
ma fehmukx, u b'ħarsa kiesħa,
bħal tal-għaref li jistaqsi,
bosta Kbar minn tal-Lhudija
dlonk tennew wieħed lill-ieħor:
"Dan min hu?" U l-mistoqsija
baqgħet sejra tidwi tidwi
sa ma tlajt bis-salib fuqek
il-Kalvarju tal-ħatjin.

Minn ġol-qabar li kien ħaddnek
ħriġt rebbieħ għal ħajja ġdida:
ratek kmieni l-Madaliena,
rawk l-oħrajn li tħaddtu miegħek,
u mill-ġdid staqsew dawk l-għomja:
"Dan min hu?"
F'Ateni u Ruma
stama' leħnek—ħelu u qawwi,—
ta' l-irsiera tkissru l-ktajjen,
tas-sidien ħlew il-fehmiet;
niżel dawl ta' hena u saħħa
ġewwa l-Qalb u fuq il-Ħsieb;
bdiet is-sliema, bdiet l-imħabba
ma' tagħlimek, o Ġesù;
madankollu l-mistoqsija
illi nsemgħet fil-Lhudija
baqgħet tidwi: "Dan min hu?"

U biex jifhmu xi tkun Inti,
għamlu ħilthom nies bil-kotra:
flew bir-reqqa n-nisel tiegħek,
ħsiebek, kliemek u tagħlimek.
Ma fehmux, ma redux jifhmu,
u ġie l-għilt u bdiet id-dnewwa
wara l-ġlieda tal-fehmiet;
sikru l-ljuni b'demm l-insara,
mietu rġiel, mietu tfajliet,
u tal-Knisja li ridt tibni
dak id-demm qawwa s-sisien:

hemm, fejn kienet art l-imwiet,
stama' fl-għana l-kliem ta' David
u, fil-waqt li mejda waħda
ġabret magħha kbar u żgħar,
l-Aħwa taw bewsiet ta' sliema
u, bla ħtija jew maħfura,
kielu l-manna tas-smewwiet,
il-Ħobż tiegħek, o Ġesù:
madankollu l-mistoqsija
illi nsemgħet fil-Lhudija
baqgħet tidwi: "Dan min hu?"

U maħrub fuq żiemel għadda
b'minġel f'idu ż-Zmien qerriedi;
saltniet waqgħu, oħrajn telgħu,
tbiddlu n-nies, tbiddlu d-drawwiet,
u weħidha fuq il-ħerba
ta' setgħat u ta' saltniet
baqgħet tiddi l-Knisja tiegħek
dejjem isbaħ, o Ġesù;
madankollu l-Kbar tad-dinja,
bħall-kbarat minn tal-Lhudija,
għamja f'għerfha baqgħet thewden
u tistaqsi: "Dan min hu?"

U ma' tul is-snin li ġejja
tibqa' sejra bla ma tehda
din il-qasma tal-fehmiet;
għax min jemmen għandu triqtu,
u trieq għandu dak li jaf:
Inti, kbir fiċ-ċokon tiegħek,
ma tidhirx ħlief liċ-ċkejknin,
u tistaħba ġewwa sħaba
għall-għajnejn ta' l-imkabbrin.
Biss min jemmen jista' jifhem
dak li int u li temmejt;
min jixtieq li jagħraf qabel,
biex fik jemmen, o Ġesù,
jibqa' mdallam fir-raj tiegħu
u bħall-Boloħ tal-Lhudija
jibqa' jtenni: "Dan min hu?"

DUN KARM

16-18—2—38

# 'L hawn u 'l hemm fid-Dizzjunarji tal-Malti

Kull min fit-tgħarrif u tkixxif fuq il-Malti ħtieġlu jqalleb, igħarbel u jifli d-Dizzjunarji tal-Malti ra b'għajnejh, u aktar minn darba, li d-Dizzjunarji li għandna huma kollha neqsin. Jew ma jġibux il-kliem Malti kollu; jew ma jagħtux it-tifsir kollu li kliem jew għajdut għandu; jew ma jsemmux it-tiswir u t-tusiġħ kollu li kelma għandha jew jista' jkollha; jew iħalltu flimkien u jnisslu minn għerq wieħed kliem li jidher, iżda mhux, ta' nisel wieħed. Dan in-nuqqas jaħtieġ li jissewwa. Iżda biex jissewwa mhux biżżejjed ixxogħol ta' wieħed waħdu, imma tinħtieġ il-ħedma għaqlija u għalenija ta' ħafna, flimkien mal-għajnuna mqar żgħira ta' min jista' jikseb xi tagħrif fuq kliem minsi jew fuq ittifsir ta' kliem magħruf, jew fuq in-nisel ta' kliem li jixxiebah.

Biħsiebni niġbor xi kliem li fuqu hemm xi ħaġa xi tgidħ u xi ssewwi fid-Dizzjunarji. Ma tkunx damma ta' kliem imqassma fuq l-Alfabet, imma ġabra minn hawn u minn hemm skond ma jiġi f'idejja fit-tiftix tiegħi. Għalhekk ħadd ma jistagħġeb jekk minn ittra naqbeż għal oħra, u mbagħad nerġa' lura minn fejn qbiżt jew nimxi issa ma' din u issa ma' dik l-ittra.

AĠAR, *flus mogħtija b'karità lill-foqra*; *għamil ta' ħniena ma' għajrna* (Vassalli, Falzon); *flus mogħtija lill-ħaddiem ta' jum xogħol* (Caruana). It-tifsira ewlenija li taqbel mal-Għarbi hi dik ta' Caruana, għalkemm issura tal-kelma għarbija li tfisser *salarju* hi *aġra* u mhux *aġar*. *Aġar* huwa *l-ħlas* jew *għamil bi tpattija ta' ġid*. Caruana jagħti wkoll il-kelma *aġir* li tfisser: *ħaddiem mikri, ħaddiem tal-ġurnata*. Tifsira tajba.

EMMEN, l-ewwel sura ta' dal-verb li fil-Għarbi hi *amen*, tfisser *to be loyal*. Fil-Malti ma għandniex. U dak li aħna nifhmu bil-verb *emmen*, fil-Għarbi jitfisser b'suriet oħra ta' dan il-verb. Mill-għerq ta' dan il-verb jidhirli li nistgħu noħorġu żewġ kelmiet ġodda, li huma *emîn* = *loyal* u *emiena* = *loyalty*, li jiena daħħalthom it-tnejn fil-kotba tiegħi. Il-kelma *emna*, li Caruana jagħtiha t-tifsir ta' *fede*, *credenza*, u li b'dan it-tifsir dieħla ġmielha fil-Malti, ma tfisserx hekk, iżda tfisser *sincerity*. Biex in-

fissru l-kelma *fidi* niktbu *emmna=belief* jew *emmin=believing*, li huma t-tnejn imnisslin minn *emmen*.

Dan il-verb *emmen*, għalkemm huwa tat-tieni sura, hu meqjus bħala verb ta' l-ewwel sura li minnu tnisslet it-tieni sura, *wemmen = to make to believe* Minn dan joħroġ in-nom *twemmin* li jfisser: *making to believe* jew *being made to believe.*

IBEN, id-Dizzjunarji kollha jġibu dil-kelma, iżda l-ebda wieħed ma għaraf joħroġ minnha l-verb *webben* li jfisser *to adopt*. Dan il-verb hu msawwar fuq ir-regola. Hekk minn *ikel* nagħmlu *wekkel*, *mwekkel*, *wekkiel*; minn *iebes* nagħmlu *webbes*. Nistgħu mela ngħidu: *Toni u Karmni ma kellhom:ı ulied; ġiebu tifel minn Dar il-Ltiema u webbnuh*, jiġifieri *ħaduh bħala binhom*, *għamluh binhom*. Ukoll: *It-twebbin jagħti lill-webbien id-dmir ta' missier, u lill-imwebben id-dmir ta' iben.*

AĦĦAR, minn dil-kelma nistgħu nagħmlu l-plural *aħħarin* li, meta jkun marbut mal-plural *ewwelin* ( minn *ewwel* ), jieħu bixra klassika u jdoqq ħelu fil-widna. Nistgħu ngħidu: *Il-ġrajja ta' Malta huma kollha sbieħ, l-ewwelin u l-aħħarin*, jiġifieri *ta' l-ewwel u ta' l-aħħar, ta' dari u tal-lum*. F'dan is-sens jien daħħalt fil-kotba tiegħi dawn iż-żewġ kelmiet marbutin flimkien.

AGĦRAĠ, dil-kelma għandha tinkiteb b'*ġ* fit-tarf, bħalma jiktibha Caruana. Billi xi wħud jagħtuha l-ħoss ta' *x* Vassalli u Falzon miegħu jiktbuha *agħrax*.

OFFI, ngħidu: *offi għalik* ! Il-kelma hi miktuba b'*o* fil-bidu minn Caruana u Falzon. Imma għandha tinkiteb *għuffi*, (*għoffi*), li hi msensla mal-kelma *għafja*, li tfisser *saħħa* u li aħna għandna ngħiduha f'dan il-għajdut: *il-għafja tal-mewt*, jiġifieri, dik it-taqliba għall-aħjar li xi drabi tiġi fuq il-marid qabel ma jmut. Bil-Għarbi jgħidu: *Għâfâk Allah* ! jiġifieri: Iżommok Alla qawwi u sħiħ ! Vassalli jikteb: *Għafja għalik* !

JIES, dil-kelma ngħiduha biss meta rridu nfissru li *ma hemmx tama*, hekk: *qata' jiesu*; *bla jies, ma hemmx jies.* Caruana u Falzon jagħtuha t-tifsir: *speranza*. Ħażin. *Jies* tfisser il-maqlub, bħalma sewwa jġib Vassalli: *disperazione*. Għalhekk qatt ma ngħidu: *Għandi jies li kollox ikun sewwa*, biex infissru t-tama li kollox ikun sewwa. Jista' mbagħad, min irid, jistaqsi l-għala kelma li fiha nfisha tfisser ħaġa negativa, nżidulha magħha kelma oħra negativa.

IDDA, verb li fil-Malti għandu żewġ tifsiriet: *to shine* u *to hand over*. Falzon u Caruana jagħtu ż-żewġ tifsiriet lil verb wieħed. Iżda l-verb *idda* qiegħed għal żewġ verbi li ma humiex imnisslin minn għerq wieħed. Meta jfisser *to shine*, id-*d* hija d-*dad* Għarbija; u meta jfisser *to hand over*, id-*d* hija *dal*. Għalhekk f'Dizzjunarju tal-Malti l-verb *idda* għandu jidher darbtejn skond in-nisel u t-tifsira tiegħu, bħalma jagħmel Vassalli.

U Caruana jżid isensel dan il-verb biż-żewġ tifsiriet mal-kelma *id* !

P. P. SAYDON

# Biċċa mill-Istorja tal-Knisja ta' Malta

## IL-ĠIŻWITI F'MALTA

Tista' tgħid li l-Ġiżwiti daħlu f'Malta ftit wara li Sant' Injazju kien waqqaf dak l-Ordni li ta lill-Knisja ħafna għorrief, qaddisin u martri, l-ikbar missjunari fil-Ġappun u fiċ-Ċina.

L-ewwel ma ġew fostna kienu tnax-il Patri Ġiżwita, biex iwaqqfu fil-Gżira tagħna Kulleġġ għat-tagħlim.

Bit-tħabrik ta' Monsinjur Gargallo—li kien għadu ma laħaqx Isqof ta' Malta—taħt il-ħakma tal-Granmastru La Cassière—kien ġie Malta, biex jipprietka f'San Ġwann—il Patri Ġiżwita Ġanpatist Carminatu, imsemmi ħafna għal għerfu u għal qdusitu, biżżejjed ingħidu li l-Imħallef Realino, wara li sama' priedka minn tiegħu mhux biss ikkunverta iżda l-lum huwa mgħoddi mal-Beati, u li San Roberto Bellarmino kien għażlu bħala konfessur u mexxej ta' ruħu.

Mela dal-Ġiżwita waqqaf fil-gżira tagħna l-Kamrata (*Camerata*)—il-Belt fil-lok fejn il-lum jinsab, (quddiem id-Depot tal-Pulizija) dak il-bini fejn igħammru l-familji tas-suldati miżżewġa—biex fiha jinġabru u jgħixu flimkien il-Kavalieri l-iktar mogħtija għall-ħwejjeġ tar-ruħ.

Meta laħaq Isqof Monsinjur Gargallo qala' minn għand il-Papa Klement VIII is-setgħa biex jwaqqaf Kulleġġ tal-Ġiżwiti f'Malta—biex iservi ta' Siminarju. Dak iż-żmien (1592) kienet tielgħa l-knisja l-lum imsejħa tal-Ġiżwiti, li kellha tkun iddedikata lil San Pawl;—din ġiet mogħtija lill-Ġiżwiti, u semmewha "del Gesù" kif għadha sal-lum.

L-ewwel ma ġew kienu tnax-il patri, taħt it-treġija tal-Patri Leonardo Capano, ta' qdusija kbira, li kien daħal fil-Kumpanija minn idejn l-istess Sant'Injazju.

L-Isqof Mons. Gargallo tahom ir-renta ta' 600 skut fis-sena, li biż-żmien din is-somma kibret ferm, sa waslet £700 fis-sena.

Meta ħadu pussess ta' dik il-Knisja, barra mill-Isqof, kien hemm il-Granmastru u l-kbarat kollha ta' l-Ordni.

Mons. Gargallo kien iġib wisq lill-Ġiżwiti u għalhekk fis-saqaf tal-Knisja tqiegħdet l-arma tiegħu, u meta miet ġie midfun fil-kappella ta' San Franġisk Saverju u r-ritratt tiegħu mqiegħed fis-Sagristija.

Il-Ġiżwiti baqgħu f'Malta sal-1768, meta l-Granmastru Pintu, imġiegħel mill-Gvern ta' Napli, keċċiehom minn dawn il-Gżejjer. Bi flushom twaqqfet l-Università u s-Siminarju, bil-kunsens tal-Papa:—ġiebu Professuri mill-aqwa mill-Italja, fosthom l-imsemmi Padre Giuseppe Piazza, ta' l-Ordni ta' San Gejtanu (Teatini) li kien imgħallem kbir fix-xjenzi tal-Filosofija, Matematika, Teoloġija u Astronomija, biżżejjed ngħidu li kixef il pjaneta Cerere, li hu semmieha "Cerere Ferdinandea" u ismu ġera mad-dinja kollha.

U b'dal-mod il-Ġiżwiti, wara mitejn sena li damu fostna, jgħallmu u jagħmlu ġid lill-erwieħ, inqerdu minn dawn il-Gżejjer.

M. D.

# ĦAJJA QASIRA

*Dak li jħobbuh l-allât imut żagħżugħ.*

MENANDRO.

Inħoss u nifhem fija n-nifsi u nemmen li jien ma ndumx ma mmut. Ħajja qasira għandu ġismi marid. Id-dinja fiergħa, bil-ġid, bil-ġieħ, bil-għors u b'kulma fiha, mhix il-qagħad tiegħi. Jien ma ngħixx bi ħwejjeġ li tmisshom u tarahom. L-ikel tiegħi l-ħsieb ta' moħħi, u x-xorb tiegħi l-għana li jfawwarli qalbi bħal gelgûl. Inħossni, inħossni mejjet ħaj: mejjet għad-dinja u ħaj għal xi mkien ieħor, xi mkien ieħor aqwa u aħjar minn hawn, xi mkien fejn tgħammar l-erwieħ il-kbar. Lê, lê: mhix din saltnâti u ma tistax tkun din. Inħoss u nifhem li min hu bħali mhux maħluq għal saltna tat-tafal wieqfa fuq ir-ramel, kollha mimlija jasar u frugħat. Hemm oħra, bgħid jew qrib, x'imkien bejn l-art u s-sema, għanja bid-dawl tal-għerf, mid-deni mħarsa, li ma tafx b'wisa' jew bi żmien, moħbija qalb ix-xemx u l-qawsalli, ħelu ħelu mistrieħa fuq il-ġwienaħ kbar tal-*għaġeb* u ta' *seħer il-ġmiel*, li l-ebda bniedem ħlief il-poeta ma jaf biha. Imkebbes bi xrar l-imħabba ta' l-allât tal-Għana, u maħluq biex mix-xejn tal-ħolm ta' qalbu hu wkoll isawwar universi ġodda, ma jistax il-poeta jsib saltnâtu fejn isibuha oħrajn ta' moħħhom dgħajjef u qalbhom iebsa li f'għomorhom kollu ma jduqu qatt il-bews tal-Poeżija, is-Sultana ta' l-Arti. Inħoss u nifhem li miniex ta' din l-art. Jidhirli jiena li, għalkemm bniedem, il-bnedmin tad-dinja ma jixbhunix. Inħoss bħal ħaġa fija li biha nisboq lill-oħrajn. U sehmi u ġîdi u tamti l-Poeżija ! Ngħammar, waqtiet, f'saltna ta' ħolm, f'saltna ta' mħabba, f'saltna ta' ġmiel ! Kulma nixtieq insibu fil-ħsieb ta' moħħi ! Fil-palazz ta' qalbi tgħix it-tfajla li nħobb, tfajla li twieldet u kibret miegħi bħala biċċa minni li ma tintemmx għal kollox! Għax jispiċċa ż-Żmien, il-Wisa' u kull ma sar; imm'aħna, jiena u t-tfajla li nħobb—il-Poeżija—ma nispiċċawx mal-mewt: għax meta mmutu, nerġgħu nitwieldu biex ma mmutu qatt !

KARMENU VASSALLO

14 ta' Frar, 1938

# IT-TLIET GRAZZJI

*(Jaqbad mal-għadd ta' Diċembru 1937, p. 124)*

It-tliet Grazzji kienu mixjin ħarir fl-arti sabiħa taż-żfin u Mrs. Younger darba ferħet lil Mrs. Busuttil għall-progress li kienet qiegħda tagħmel bintha Mary. Mhux għax it-tnejn l-oħra ma kinux bravi wkoll, imma Mary kienet l-aħjar waħda fost l-alljevi tagħha kollha. Fl-istess waqt li Mary kienet qiegħda tagħmel tant progress fiż-żfin, Lucinda kienet qiegħda tagħmel progress akbar fin-namur u kellha għal warajha nofs il-klassi. Imma hija kienet wisq miġbuda għal Bertie Cassar, li kienet għarfet fil-Ballu tal-Borża, u Bertie, għalkemm kien iħobb jiżfen ma' kulħadd, lil Lucinda kien taha biżżejjed x'tifhem li jippreferiha għal kulħadd, Lucinda, mogħmija wara Bertie, kienet għall-ewwel darba dinbet kontra l-Għaqda u ħbiet lil ħutha dik il-ġibda li kienet qiegħda, jum wara jum, tikber dejjem iżjed fiha.

F'dawk il-ħames minuti li l-mamajjiet kienu jiltaqgħu fl-antikamra ta' Mrs. Younger, jistennew lil uliedhom ħerġin kienu jgħidu waħda lill-oħra, il-bravuri ta' wliedhom, kemm fid-dar kif ukoll fl-iskola, kif ukoll ħafna praspar fuq kemm-il talba ġa kellhom għaż-żwieġ; talbiet ta' żgħażagħ għonja u mill-iżjed serji.

Jum wieħed, is-sinjura Busuttil kif reġgħet lura d-dar, mat-tliet Grazzji, minn għand Mrs. Younger, ġibdet fil-ġenb lil Lucinda u staqsietha min kien dak il-ġuvni li baqa' ħiereġ magħha sal-bieb ta' barra ta' Mrs. Younger. Mhux għax dak il-ġuvni kellha xi tgħid xi ħaġa fih, xejn affattu; kien żagħżugħ ħelu, twil u eleganti, u kif kienet ġa ntebħet fil-Ballu tal-Borża, kellu ħafna għal warajh. Imma, bħala omm, kellha tkun taf lil dawk iż-żgħażagħ kollha li kienu midħla ta' wliedha.

"Bertie," wieġbet xott xott Lucinda.

"Bertie Cassar?" kompliet l-omm.

"Iva," tenniet ftit u xejn mistagħġba Lueinda.

"Kif kien tħallih waħdu Lilian Muscat? Sa fejn naf jien Lilian mhix fil-klassi tagħkom, mhux hekk?" staqsietha is-sinjura Busuttil.

"Le. Lilian mhix magħna," kompliet Lucinda bħal waħda mismuta "imma x'għandha x'taqsam Lilian?

"Kif, ma għandhiex x'taqsam?" qabżet tgħid malajr il-Mamà." Tajba din ukoll mela ma tafx li Bertie u Lilian għarajjes?"

"Tassew. . . tassew. . . le, ma kontx naf," wieġbet Lucinda iżjed mejta milli ħajja; u li kieku ma żammetx massiġġu li kellha ma' ġenbha żgur kienet tistabat ma' l-art.

Ommha, peress li kienu aktarx fid-dlam, anqas ittendiet li bintha kienet safra daqs il-qarsa tax-xama'. Dik il-bxara ħażina Lucinda qatt ma kienet tistennieha imma għamlet sfors fuqha nfisha u qagħdet attenta ħafna li ma taħarbilhiex xi kelma jew xi taħrika, għax mita Lucinda ħbiet minn ħutha l-imħabba tagħha għal Bertie kienet qiegħda tixħet il-ġebla fuq saqajha. Issa mhux biss kellha titqanna bis-sogħba tagħha weħidha, imma kellha wkoll turi ruħha ferħana biex ma tikxefx agħwarha, mita qalbha kienet sewda, sewda faħma. Għalkemm, iżda, irnexxielha taħbi dak li kien ġralha, ma setgħetx tikkontrolla n-nervi tagħha għal kollox li, iżjed ma beda jgħaddi ż-żmien, aktar bdew jikbru; kif ukoll beda jikber magħha l-kapriċċ li tinżebagħ, tnittef ħoġbejha, tlewwen difrejha u. . .namrat taqbad u ieħor terħi.

Xi jumejn wara li kienet semgħet il-bxara ħażina talgħerusija ta' Bertie (kien nhar-ta'-Sibt) kellha tmur il-lezzjoni taż-żfin, imma rat kif għamlet biex tiskarta u qalet lill-Mamà li kien iħossha ħażin u baqgħet id-dar weħidha fejn sfugat tajjeb tajjeb bil-biki u. . . kissret xi ħaġa wkoll. Mita ħutha ġew lura ġrew biex jaraw jekk kenitx aħjar u qalulha li kulħadd kien staqsa ħafna għaliha imma l-iżjed li wera sogħba għan-nuqqas tagħha kien Bertie.

"Ix-xjaten jeħduh," infexxet f'għajta Lucinda, u telgħetilha fawra f'wiċċha; imma malajr dawret it-taħdita u bdiet tistaqsi lil ħutha kif kienet Lucy, Josephine, u. . . . tal-klikka kollha.

Mary u Agata ħarsu ħarsa lejn xulxin imma ma setgħu jifhmu xejn x'kien ġara.

Nhar l-Erbgħa ta' wara, kien reġa' jmisshom imorru għand Mrs. Younger. Din id-darba Lucinda rabbiet il-ħila u marret. Lucinda, għandu jkun kellha jiġri fil-vini tagħha demm ta' artista għax għarfet taħbi għommitha b'mod talgħaġeb.

Ftit wara li daħlu, Bertie ġie fuqha u stedinha għal żifna. Qaltlu "iva" bħallikieku qatt ma kien ġara xejn, Żif-

net miegħu, tkellmet miegħu, daħket xi daħka wkoll. Wara ż-żifna marret miegħu f'rokna mwarrba, kif kienet tagħmel is-soltu, u malli kienu weħidhom u beda ser jaħbat jagħmlilha xi kumpliment, bil-kelma "vili" qabditu u bil-kelma "vili" ħallietu. Imma ġos-sala, waqt iż-żfin, xejn, xejn. Is-soltu tbissima kienet dejjem fuq xofftejha u mat-tbissima kienet qiegħda titrabba daħka, daħka ġdida, daħka nervuża, daħka ħażina.

Mita bdiet tgorr wara ommha li ż-żbigħ tal-wiċċ ma kienx ħaġa ħażina, li l-lum kulħadd kien jimxi mal-moda, u li s-sena 1936 ma kenitx is-sena 1900, sabet reżistenza qawwija, iżjed qawwija minn dik li kienet sabet il-Presidentessa tal-Għaqda mita, żmien qabel, kienet talbet lill-Mamà biex tħalli t-tliet Grazzji jmorru l-Ballu tal-Borża; imma gemgem il-lum u gemgem għada, il-Mamà fl-aħħar, xebgħet tisma' l-kliem u tara l-gdiedem u. . . bdiet iċċiedi.

Għall-ewwel Lucinda bdiet tqiegħed fuq ħoġbejha lewn kemm kemm jidher, u pasta fuq xofftejha armajn ta' lewn naturali u lostru fuq difrejha roża ċar; imma iżjed ma bdiet tara lil ommha tiskot iżjed bdiet iżżid, iżżid, iżżid.

Ħutha, ma għandna xi ngħidu xejn, ħadu għalihom, mhux biss għax ma kinux jaqblu mal-prinċipju tagħha, imma l-iżjed għax Lucinda kienet bdiet tagħmel il-ħwejjeġ weħidha mingħajr ma tikkonsulta l-Għaqda. Imma ġara li kliem il-ħbieb dawrulhom rashom. Dawk l-imgħarrqin ta' angli biddenb kienu kollha konfoffa waħda u bdew jikkritikaw lil Talja u Aglaja li kienu qed itellfu l-ġieħ tat-tliet Grazzji bis-sistema tagħhom qadima daqs Pizzolu li "ix-xebbiet ma għandhomx jissebbħu". U isma' l-lum u isma' l-għada spiċċaw biex bdew jitniġġsu minn oħthom u bdew, huma wkoll, iċellqu ma' wiċċhom, sa kemm, huma wkoll, tgħallmu u saru esperti.

Il-Mamà ħabtet tieqaf fuq tagħha għal dan il-kapriċċ żejjed u bla fejda, tat-tliet uliedha; imma l-Presidentessa malajr fehmet lill-Mamà li l-ħbieb tagħhom, bniet u subien, kienu qegħdin jidħku bihom u jsejħulhom: "It-tliet Grazzji ta' żamżam", li huma ma kinux iżjed tfal ta' l-iskola, u li bilħmerijiet qodma tagħha kienu qegħdin jitilfu kull ċans taż-żwieġ. Liema ġuvni f'dan is-seklu kien sejjer jintriga b'tifla li anqas taf iżżomm ruħha "chic" u "à la mode".

Il-Mamà ma għandna xi ngħidu xejn, bdiet tħoss bħal toqol fuq il-kuxjenza. "Ih! X'waħda din! Min jaf hux

tassew dak li qiegħda tgħidli Agata. Ma rridx għal ftit żeb-għa 'l hemm u 'l hawn intellfilhom xortihom". U flok għajn waħda qaflet għajnejha t-tnejn u ħalliethom iċellqu u jċappsu kemm iridu.

Imma għalkemm il-qoxra ta' wiċċhom ħadet sura iżjed sabiħa, xofftejhom ħmaru, idejhom saru jgħaxxqu. . . l-għarajjes ma ġewx. U iżjed ma bdew igħaddu s-snin u jiżdied it-tiċliq u t-tiċpis, iżjed beda jonqos iċ-ċans ta' xi għerusija.

"Imma x'għandhom uliedi anqas mill-oħrajn," sfugat darba l-omm magħha nfisha. "Flus, għalkemm mhux wisq, għandhom; koroh mhumiex, bravi f'kollox; x'jonqoshom mela ?"

It-tweġiba iżda ma ġietx.

Agata li qatt ma kellha ħsieb tiżżewweġ ma kenitx tagħti widen għat-talbiet. Kienet aktar tħobb titkellem fuq awturi, opri u invenzjonijiet milli fuq il-ħmerijiet ta' l-imħabba u kont dejjem taraha titkellem ma' xi raġel imdaħħal fiż-żmien.

Lucinda wara d-daqqa ta' ħarta li kienet iddubbat minn għand Bertie, kienet saret namriċes mill-iprem u malli xi żagħ-żugħ kien jaqbad ikellimha u kien juriha l-ħsibijiet serji li kellu għaż-żwieġ, kienet tħallih bħal erbgħa fost il-ġimgħa u. . . taqbad ieħor iżjed ferrieħi u. . . bi ħsibijiet inqas serji.

Mary kienet iffissatha li kull minn jagħmlilha xi kumpliment u juri għaliha xi ġibda kien ikun qiegħed iħares lejn flusha; għalhekk kienet tiskartah jew tħallih ilablab u f'qalbha tidħak bih.

Din kienet ir-raġuni għala t-tfal tas-sinjura Busuttil baqgħu xebbiet avolja. . . ma kien jonqoshom xejn. Il-Mamà, iżda, dawn il-ħwejjeġ ma kienu qatt għaddewlha minn rasha u kienet dejjem taħseb: "X'għandhom uliedi anqas mill-oħrajn?"

Darba fettlilha tiftaħ qalbha ma' waħda ħabiba tagħha, is-sinjura Bonello. Is-sinjura Bonello qagħdet bis-sabar kollu tismagħha tisfoga dak li kellha mrekken u miġbur fuq l-istonku tagħha minn xi għaxar snin u skantat mhux ftit mita semgħet li t-tlitt ibniet tas-sinjura Busuttil kellhom ħmistax-il xelin renta kull jum kull waħda u kienu għadhom ma sabux għarus. Tassew li issa kollha kienu għalquhom it-tletin sena imma kienu għadhom ħelwin, sbieħ u fuq ruħhom. Is-sinjura Bonello sabet ruħha daharha mal-ħajt għall-mistoqsija li sikwit kienet tagħmlilha l-imdejqa ħabiba tagħha: "Imma x'għandhom uliedi biex ħadd ma jridhom ?" u fl-aħħar biex

teħles minnha u tgħidilha xi ħaġa, qaltilha: "Int, għax int iffissata li ma tridx tirranġa ftit ruħek? X'fiha billi tinżebagħ xi ftit? U dak xagħrek mita sejra taqtgħu? Ma tafx li l-ġuvintur tal-lum iridu l-Mamà tal-għarusa tagħhom tkun eleganti u moderna?" u biex tispiċċalha b'ċajta għax ratha bħal kienu ħabtet titfantas: "Il-Mamà tat-tliet Grazzji għandha tagħmel ġieħ lill-Mitoloġija; ma tafx li int il-mara ta' l-alla Żewż?"

Is-sinjura Busuttil daħket, daħket fuq il-qalb, imma daħket biex ma turix lis-sinjura Bonello li kliemha kien qed iweġġgħelha qalbha.

Wara xi jumejn it-tliet Grazzji stagħġbu bil-bosta mita raw 'il-Mamà gejja minn barra b'xagħarha maqtugħ qasir u kollu nnukklat. Bdew iduru magħha, jistaqsuha, iżiegħlu biha, imma ma setgħu jieħdu xejn minn fommha.

Anqas laħqet għaddiet ġimgħa li ma ħadux theżhiża akbar. Kien nhar ta' Sibt u kellhom imorru għall-Ftuħ tat-Teatru Rjal. Mita niżlu isfel biex joħorġu ittendew li l-Mamà li s-soltu tkun dejjem lesta l-ewwel waħda, kienet għadha ma niżletx minn fuq. "Mamà", għajtet Agata wara li telgħet xi erba' tarġiet, biex issemma' leħinha sewwa, "int m'intix lesta?"

"Iva, iva, ġejja" wieġbet minn fuq il-Mamà, imma ma dehretx avolja laħqu għaddew xi ħames minuti oħra.

Agata bdiet titbaqbaq. Xi ġralha l-Mamà? Sejra ttellifna l-isbaħ rumanza ta'l-Aida? Xi ġralha l-lum? "Xi ġralek, Mamà? Int nieżla jew le?" reġgħet għajtet Agata wara li telgħet sa l-ewwel indana għax il-kamra tas-sinjura Busuttil kienet tinsab fit-tieni sular.

"Ġejja, ġejja, x'għaġla għandkom il-lejla?" wieġbet is-sinjura Busuttil.

Imma Agata ma kellhiex sabar tistenna iżjed u għamlet is-sinjal lil ħutha biex jitilgħu magħha: "Mary. . .Lucinda. . , itilgħu. . . imxu naraw x'qiegħda tħawwad; sew sew il-lejla ġejja b'dan it-tul kollu!"

U t-tlieta, waħda wara l-oħra, reġgħu telgħu t-taraġ u marru dritt għall-kamra tal-Mamà. It-tliet Grazzji ħadu theżhiża bil-wisq akbar minn dik li kienu ħadu l-ġimgħa ta' qabel mita raw 'l ommhom tasal id-dar b'xagħarha maqtugħ.

Bil-qiegħda fuq siġġu, biswit il-mera, il-Mamà kellha quddiemha kaxxa ta' l-irtokk kompluta daqs ta' Lon Chaney

u kienet qiegħda tindilek, titħammar, titqaxxar, biex tissebbaħ kemm jista' jkun. Għajnejha b'dak l-iżraq-irmiedi ma' dwarhom, kienu tbiddlu għal kollox u ħaddejha ħadu r-ruħ u sura oħra. Issa kienet qiegħda tibdel il-lewn ta' xufftejha u kellha f'idha pastell lewn il-qroll. It-tliet Grazzji baqgħu bħal mixrubin iħarsu lejn xulxin; imbagħad infexxu f'daħka li dwiet mad-dar kollha. Is-sinjura Busuttil inħasdet, għax anqas kienet semgħethom telgħin it-taraġ u daret fuqhom bil-herra: "Tajtuni qatgħa, kesħin; ma tistgħux tistennew ftit? X'inhi din il-għaġla kollha l-lejla?" u reġgħet daret lejn il-mera biex ittemm dik l-ewwel biċċa xogħol tagħha, fis-sengħa tat-tisbiħ.

It-tlitt ibniet ma tniffsux iżjed u niżlu bil-qajla l-qajla t-taraġ, iħarsu lejn xulxin, bħallikieku riedu jistaqsu b'għajnejhom waħda 'l oħra x'kienu jaħsbu u x'kien jidhrilhom minn dik it-tibdila ta' maljar malajr li kienet saret f'ommhom. Imma ebda waħda minnhom ma setgħet tagħti nitfa ta' ħjiel lill-oħra. U dik it-tibdila baqgħet għalihom misteru kif misteru baqa' għal ommhom il-għala mit-tlitt ibniet tagħha ebda waħda ma kellha x-xorti tiżżewweġ.

Dik il-lejla tal-Ftuħ tat-Teatru, is-sinjura Busuttil kienet tidher ta' ħmistax-il sena iċken u għamlet l-isbaħ figura. Innies kollha bdew jistaqsu min kienet dik is-sinjura ħelwa li kienet qiegħda maġenb it-tliet Grazzji; u mita saru jafu li ma kenitx ħaddieħor ħlief is-sinjura Busuttil ma stagħġbux ftit bil-bidla li kienet saret fiha.Is-sinjura Busuttil kienet dejjem tgħid li t-tfajliet tal-lum kienu qegħdin igħumu fil-lussu u li kellhom wiċċhom qisu maskra għax miksi bit-terer u ż-żebgħa; imma minn ftit taż-żmien il hawn mhux biss kienet qiegħda tħalli lil uliedha jagħmlu bħal dawk il-ħafna "nies bla ġieħ" (kif kienet tant tħobb issejħilhom) imma, hija wkoll, kienet waqgħet fil-każa. Misteru ! ! !

Is-sakrifiċċju issa ta' dik l-omm ħanina xejn ma sewa. Għandu jkun is-sinjura Bonello ma kenitx tatha parir xieraq għax ebda ġuvni ma deher iżjed miġbud lejhom minħabba iż-żebgħa ta' wiċċ il-Mamà. U iżjed ma beda jgħaddi żżmien iżjed bdew jonqsu ċ-ċansijiet; u iżjed ma bdew jonqsu ċ-ċansijiet iżjed beda jiżdied il-ħala, ix-xalar, it-tiċpis.

Mita, żmien żmien qabel, kienet ħarġet il-moda li n-nisa jnittfu u jsewwu ħuġbejhom, u t-tfal tas-sinjura Busuttil dehrilhom li għandhom jagħmlu l-istess ħaġa biex jimxu malmoda, il-Mamà kienet għamlitilhom xenata kbira u saħansitra għajrithom "xantużi"; issa bl-akbar sabar, kienet toqgħod tara

mhux biss lil uliedha jnittfu waħda 'l oħra, imma kienet ħrat toqgħod ukoll biex inittfu lilha.

Ħwejjeġ tal-għaġeb imma. . . li jiġru.

It-tliet Grazzji issa ma kinux imħittxija iżjed min-namrati u mill-għarajjes għax. . . żmienhom kien għadda; imma kull min ried jorganizza xi Fiera sabiħa fil-ġonna ta' l-Argotti jew għand is-Sależjani f'tas-Sliema jew ried jagħmel xi Reċta, xi kunċert għall-karità, ma kellux ħliel imur għandhom.

Dik il-Għaqda li fi ċkunithom kienet rabtithom ma' xulxin, issa kienet għamlithom biċċa waħda għal kollox, blokk siment iebes iżjed mill-ħadid; u jekk fi żmien l-iskola kien hemm xi ħadd li ma kienx jafhom b'laqamhom, il-lum Malta kollha bi ħġarha kienet tagħrafhom bħala t-tliet Grazzji.

It-tliet Grazzji kienu magħrufin f'kull rokna tal-Belt fejn kienu joqogħdu fix-xitwa; f'Ħal Balzan u l-inħawi fejn kellhom Villa żgħira bl-aħjar frottijiet u fejn kienu jmorru jgħaddu xi xhur tar-Rebbiegħa u fejn kienu ta' sikwit jorganizzaw xalati mill-isbaħ: f'San Ġorġ ta' Birżebbuġa fejn kellhom dar sew sew biswit il-lukanda ta' Dowdall għax-xhur tas-sajf u fejn kienu għal sigħat sħaħ jiltaqgħu ma' ħafna ħbieb ingliżi jilagħbu l-Bridge.

Il-Mamà kienet ilha minn snin u snin ma tindaħlilhomx iżjed fl-affarijiet tagħhom; imma kull fejn kienu jmorru huma kienet tmur warajhom. U għalkemm kienet bdiet tixjieħ kienet baqgħet iżżomm ruħha tajjeb biex ma tagħmelx għajb lil uliedha; u t-tliet Grazzji kienu jiċċajtaw ma' ommhom bħallikieku kienet oħthom il-kbira. Iżda qatt ma ġiethom il-ħila jistaqsuha x'kien ġagħalha tbiddel f'jum wieħed fehmitha, tmur taqta' xagħarha u taqbad tinżebagħ. Darba waħda waqt waħda mil-laqgħat tal-Għaqda, Agata kienet qanqlet din l-affari imma t-tliet Grazzji ftiehmu bejniethom biex ma jqanqlux il-ħama qiegħed u qatt ma tkellmu fuq din il-ħaġa li baqgħet għalihom l-akbar misteru.

L-omm ukoll xtaqet kemm-il darba tiftaħ xi taħdita ma' wliedha ħalli ssib it-tarf ta' dik il-kobba mħabbla li ma rnexxielha qatt tħoll; imma, hija ukoll, dehrilha li aħjar ma tqanqalx il-ħama qiegħed; għalhekk, kif u l-għala uliedha baqgħu xebbiet, baqa' għaliha l-akbar misteru.

U l-ħajja tat-tliet Grazzji u l-Mamà tagħhom baqgħet milfufa f'dak is-sigriet. . . tant sempliċi.

Ivo Muscat-Azzopardi

Lixandra, 19 ta' April, 1936.

# EPITHALAMION

*Fiż-żwieġ tas-Sur G. Zarb Adami*
*ma' Miss Lina Lanzon.*

Sabiħ il-ward tal-ħajja, sbejħa d-dija
Fit-trieq li t-tnejn mexjin!
Kollox ifuħ taħt il-bews taż-żgħożija
Fit-trieq li t-tnejn mexjin!
Tgħix qalbkom hienja fl-oħla ħolm ta' mħabba
Li, bħal nixxiegħa, jtuq u qatt ma jxabba'.

"Sliem, ferħ, u għaqda!" dawn li ssibu mkebbsa
Fit-trieq li t-tnejn mexjin!
Għożżuh il-ġid. Jum jisbaħ: fi ħdan ommha
Tidħak, b'għajnejn ħelwin,
Tarbija, wiċċ il-ġmiel: tkun l-hena tagħkom,
Għax demm ta' demmkom; lejn Alla terfagħkom.

Min ħabb, le ma sogħ'b bih; min bagħ'd, itbekka,
Mitrud sa mill-bnedmin:
Fl-imħabba l-għaqda, u fil-għaqda l-ħajja,
Fit-trieq tas-sebħ mexjin;
U d-dawl ħanin li rabat imħabbitkom,
Id-dawl ħanin, jimxi ma' tul ħajjitkom.

20—1—38.

ĠUŻE CHETCUTI

# Il-Mewt ta' Nonny

Malta—8 ta' Diċembru, 1937.

Għażiż Dâher,

...Meta targa' tiktibli, għidli xi ħaġa fuq Nino u Nonny. Huma telqu minn l-iskola, jew għadhom hemm? Għidli xi ħaġa fuqhom, għax ili xi erba' snin ma nieħu ħbarhom...

* * *

Transġordanja—22 ta' Diċembru, 1937.

Għażiż Mgħallmi,

... Tlabtni ngħidlek xi ħaġa fuq Nino u Nonny. Nino telaq mis-Siminarju (fejn kien daħal, bħalma taf inti) raġa' daħal l-iskola, u għadu hemm, jaħdem fil-matbgħa. Imma miskin Nonny miet xi xahar ilu. Ommu għeliet wisq meta ħadet l-aħbar ħażina. Għeliet għax lilu biss kellha sabi fost uliedha, u t-tama tagħha kienet fih...

* * *

Meta qrajt il-kelmiet *Nonny miet*, bla ma ridt ħarġitli għajta. Wisq drabi kont noqgħod naħseb u nistħajjel li għad nerġa' nsiefer u mmur fl-art fejn kont darba, u s-subiien ta' l-iskola nsibhom irġiel. Niltaqa' magħhom, nqattgħu xi siegħa fl-imkien nitħaddtu fuq iż-żmien imgħoddi ta' tfulithom. Issa minn fl-imdan il-ħejl ikolli nbarri lil Nonny. Nonny miet. Mela b'ħaqq ma narahx aktar.

U qgħadt naħseb u nġib quddiem għajnejja kull ma niftakar fuq Nonny, fis-sena li nafu l-iskola. Issa, li Nonny miet, sa nikteb xi ftit milli naf fuqu, b'tifkira tiegħu.

Meta ommu ġibitu l-iskola, Nonny kellu madwar ħames snin. Kien żgħir, la rqiq u la oħxon, wiċċu aħmar nar u ħbub għajnejh hekk suwed, li l-mimma ma tidherx fihom. Ismu sewwa kien Neġib, imma jien semmejtu Nonny, għax

isem hekk tqil, ħassejtu ma joqgħodx lil naqra ta' sabi ta' ħamsa, u lsieni ma satax jidrah. Missier Nonny kien mejjet, ommu kienet ħajja, u kellu ħutu, iżgħar minnu, erbat ibniet.

Missier Nonny miet maqtul b'qatla mill-aktar ħajna. Kellu xi jgħid ma' wieħed qaribu, u wara ftit reġgħu għamlu ħbieb. Imma l-qarib baqa' jżomm f'qalbu għal missier Nonny. Kif darba ż-żewġt irġiel qraba kienu jaħdmu għand wieħed ħaddied, jagħtu daqqa ta' mterqa kull wieħed fuq ħadida mikwija, il-qarib għamel ta' b'ruħu seħwien, u niżżel l-imterqa b'saħħtu kollha fuq ras missier Nonny, li qasamhielu tnejn u baqa' mejjet fil-ħin.

Mita, ftit wara dil-ġrajja, omm Nonny ġibitu l-iskola tal-Ltiema, għall-ewwel jiem ma sata' jsib sabar b'xejn u mkien. Dejjem rasu mgħaddsa, dhur idejh fuq għajnejh, id-dmugħ iqattar minnhom, jibki minn taħt il-leħen. B'xorti tajba kien hemm fl-iskola sabi ieħor iben beltu, u li kien jafu sew. Lil dan qabbadtu joqgħod miegħu, iderrilu u jara xi jkun jeħtieġ.

Ma noqgħodx ngħid fit-tul ir-rqaqat li qal jew għamel Nonny sa ma dara l-iskola. Insemmi biss li għodwa waħda, telaq jiġri lejn uquf il-vapur ta' l-art bil-ħsieb li jirkeb u jaħrab miegħu. Il-ħarba ma seħħitlux, għax wieħed mill-ħaddiema ta' l-iskola lemħu, telaq urajh, laħqu nofs trieq u ġiebu lura.

Bis-sabar u biż-żmien Nonny dara l-iskola. Għad li żgħir kien fehem kemm kont ħadt ħsieb tiegħu biex jidra malajr u ma jbatix, u kien jagħmel mill-aħjar li jista', ta' ċkejken li hu, biex jurini kemm jafhuli. Meta kont noħroġ xi ħarġa, malli jarani rġajt lura, jiġi jilqagħni u jgħarrafni b'dawk il-ħwejjeġ kollha li ġraw f'għâbi li kien jaħseb li rrid nafhom. Jekk ngħallem liż-żgħar xi għanja kasira, ifittex li jitgħallimha malajr u aħjar minn sħabu. Jekk noħorġu nduru fil-barr u tiġi li nitbiegħdu minn xulxin, iħalli lil kulħadd u jiġi wrajja.

Darba fil-għaxija, kif is-subjien kienu jilagħbu mal-qassis quddiem il-bieb ta' l-iskola, jiena tbiegħedt naqra u qgħadt waħdi bil-qiegħda fuq blata, għad-dawl ta' qamar. Wara ftit li kont ili hekk, nisma' tektik ta' saqajn żgħar urajja. Indawwar wiċċi u nara lil Nonny ġej jiġri għan-naħa tiegħi.

"X'int tagħmel, mgħallmi?" saqsieni wara li qagħad ftit wieqaf iħares lejja.

"Naħseb, ħanini," weġibtu·

"Taħseb ?" raġa'.

"Iva, naħseb," għedt jien.

"X'int taħseb, mgħallmi ?" saqsieni mill-ġdid.

"Oh, Nonny !" weġibt. "Qiegħed naħseb fuq ħwejjeġ li int ma tifhimx fihom."

"Tridx ngħidlek il-ħrafa tal-Għula u l-Ħabja ?" qalli biex iderrili, għax rani qalbi sewda.

"Mela le, ħanini ? Għidhieli !" weġibtu. U qagħad bil-qiegħda ma' ġenbi fuq il-blata, u qalli l-ħrafa tiegħu tal-Għula u l-Ħabja.

Imma Nonny ma kienx Anġlu għal kollox.

Darba, waqt id-dawra, nhar ta' Ħadd fil-għaxija, ra għasfur fuq ħajt ta' għalqa u tefagħlu ħaġra. "Jekk ikun jaf l-imgħallem," qallu wieħed minn sħabu, "iqiegħdek għarkobbtejk nofs-siegħa." Nonny dak-in-nhar ried jagħtiha għall-ħala, għax wieġeb: "Tridx iqegħedni għarkobbtejja erba' sigħat ?" U sieħbu meta sama' dan ġie qal b'kollox lili.

Sejjaħtlu: "Nonny," għedtlu, "tassew li għedt hekk ?"

"Iva, Mgħallmi."

"Mela, la darba ma tibżax li nqiegħdek għarkobbtejk, ħalli nara tibżax minn xi ħaġa oħra." Dort lejn sieħbu li kien wieqaf fil-qrib u għidtlu: "Mur ġibli dak iz-zokk tal-birwieq minn hemmhekk."

Nonny, meta sama' dan, beda jibki u jitriegħed quddiemi, għax baża' li sa nsawtu. Il-kliem li qalli għadni niftakru waħda waħda qisni smajtu ili xi siegħa: "Mgħallmi, mgħallmi, la tadrubnix il-jum ! Adrubni lew aqul hiek teni marra!" (la ssawwatnix il-lum! Sawwatni jekk ngħid hekk darb'oħra)

"Ara tinsa x'qiegħed tgħidli, quddiem, sħabek" weġibtu. "Din id-darba naħfirlek, imma darb'oħra ma naħfirlekx !"

* * *

Malta 20 ta' Jannar, 1938.

Għażiż Dâher,

. . . Hadt ħasda u għelejt ħafna meta għedtli li Nonny miet, u aktar ma jgħaddi ż-żmien, aktar qiegħed inħossni nsewwed qalbi. Xi drabi bil-lejl itirli n ngħas u noqgħod naħseb fuqu. Inġibu quddiem għajnejja fuq is-sodda, qiegħed imut. . .Għajnejh, li dari jiddu bil-hena, issa nofshom

magħluqa, u biż-żlieġa fuqhom. . . Fommu, li dar i jitbissimli fl-iskola, issa jinfetaħ bit-tbatija, biex jiġbed l-aħħar infies qabel il-mewt . . . Inġibu quddiem għajnejja mejjet, mimdud, isfar u sieket. . .ġewwa naqra ta' tebut. . . Narahom sejrin bih jidfnuh fil-maqbar fuq il-għolja tal-Ħardôna. Jaslu. Iniżżluh fil-qabar, u jixħtu fuqu trab u żrar. Issa tassew li 'l Nonny ħadd ma jarah aktar.

Imma, dak li baqagħli minn Nonny (it-tifkiriet tiegħu) jgħix fi ħsiebi sa kemm ngħix jiena. Nibqa' narah bħal qabel, jilgħab fil-milgħab, jitgħallem fl-iskola, u nisimgħu jgħanni "God Save the King" u "Deutscheland Deutscheland uber alles", biex jurini kemm jafhom aktar mill-oħrajn. . .

BASKAL.

# FRAK

## IMĦABBA SIEKTA

Agħtini, Mulejja,
li nħobbok bla kliem,
u miegħek nitgħannaq
fil-bewsa tas-sliem;

Għax kbira l-Imħabba
bħal ħdan tas-smewwiet,
u s-sider tal-kelma
m'hux kbir bħal tas-skiet.

DUN KARM

15—2—38

—Rajna l-"Militia Christi" u l-"Malta Tagħna" miktuba bl-ortografija tal-*Għaqda*. Nifirħu lid-Direzzjoni tagħhom u nixtiequ li dan ikun ta' eżempju għall-oħrajn, biex ma jibqgħux ifixklu t-tagħlim tal-Malti kif hu mgħallem fl-iskejjel.

## Għajdut Malti

*Issib Għajdut ieħor fil-*"Malti" *ta' Sett. Diċ., 1934; Ġunju, 1935 u Sett. Diċ., 1937.*

Idejh miżien
Qata' qatgħa fil-laħam il-ħaj
Rafa' l-pruwa (qata' s-sliem)
Wara li ħadulu l-bħajra għamel l-għarix
Firex is-sodda għal ħaddieħor
Il-qarnita daret għal subgħajha
Raġel biex igħid "le"
(Donnha) id Malku
Ix-xlief qasir, mhux f'idejja
Ma jaħmelx imsarnu f'żaqqu
Qiegħed fuq ix-xwiek
Isqini u saqsini
Kemm tgħid kredu, ħames kredijiet
Idu miftuħa, magħluqa
Ħa pass fil-vojt
Qatagħlu ż-żarda
Qligħ b'żejtu
Rasu ħafifa
Sibtha l-bejta tal-Merill!
Għamel Qorti fuq xejn
Temgħu r-ross bil-labra
(Kemm għad trid) tagħreq u tixraq!
X'kien fid-dinja u ma ssewwiex?
Għamel f'qalbu
Qegħedlu z-zintlu
Għamel ta' bir-ruħu
X'aħna sbieħ min jaf jarana!
Jafha bi twila
It-temp għalaq għajnu
Irid iħabbatha ma'
Għamel il-faħam (daħal il-port)
Wiċċu għad-dawl
Kiesaħ u biered
Wasalna fejn kellna naslu
Jitla' ma' ħajt imkaħħal
Bil-ġuħ il-gawwi
Ħass qalbu tingħafas
Għajnejh akbar minn żaqqu
Jiena ħadtu l-qantar
L-għarus tafa' l-ankri
Mal-ħaġra t-tajn
Mad-daqqa t'għajn

Jekk tniggiżni, noqmos
Oqgħod fuq kelmti
Għodos fil-ħama
Bieb ma' bieb ma'
Jisbaħ bla serduk
Bil-bijambò
(Sar) biċċa laħam u par għajnejn
Ċeklem ċeklem
(Għalih) kull imdawwar kagħka
Moħħu fuq il-werqa
Xtaq l-art tibilgħu
(Il-fastidju) jieklu bil-ħobż
Għamel l-iswed fuq l-abjad.

R. M. B.

# Eżami tal-Malti

TAS-SITT XHUR

# Liċeo—Is-Sitt Klassi

MISTOQSIJIET

PARAFRASI U GRAMMATKA

1. Fisser fil-qosor il-ħsieb tal-Poeta fil-poeżija li fiha dawn il-versi:—

Deherli jien nara fil-ġrajja
tal-qatra demmija tan-nida,
bħal xbieha tar-ruħ f'din il-ħajja...
fil-jiem ta' bla ħtija;
..........................
..........................
Jaħasra ! x'tibdila,
x'ħin f'daqqa fir-rwiefen qalila,
..........................
tiġġarraf fil-ħama tal-ħażen ......

2. Fisser bi kliem ieħor dawn il-versi :—

Għaddew mijiet ta' snin u leħnek baqa'
sabiħ u qawwi nhar il-Għid ewlieni
tal-kbir Battista jidwi kmieni kmieni !
fuq din il-belt li nbniet biex qatt ma' taqa'.
........ ......... .........
..........................

Jidwi leħnek ferrieħ, qampiena tqila,
fil-waqt li mat-triqat nodfa u xemxija
tgħaddi miqjuma l-Ġilwa twila twila.

3. Fisser il-kliem immarkat korsiv:—
L-aħħar *mrieżaq* tax-xemx nieżla kienu għadhom mifruxa fuq dawk *l-oqsma* sbieħ x'ħin il-*fieres* wasal taħt il-ħitan tal-ġonna tas-Sultan ......... Il-fwieħa tal-ward tħossha tħennik....fix-xemx dak ir-raxx *jitlewwen* bħal qawsalla... dak l-ilma safi jmur jimla l-ħwat *miżgħudin* bil-ħut.

4. Għid x'għamla ta' verbi huma: *baqa'*, *nbniet*, *jidwi*, fil-versi tat-2 mistoqsija, u agħti l-għerq tagħhom.

Għid il-għaliex l-Imperativ ta' *għadda* ma jeħux il-vokali qabel il-*għ*.

5. Agħti l-Present-Futur, it-tielet persuna, plural ta':- *deher*, *bagħat*, *qagħad*, *għafas*.

6. Sewwi l-kitba tal-kliem fejn jinħtieġ:—

Huma għozzu l-baħar. Intom ħattu dak li rittu. Dawk it-tfal kpew ħafna. Jitħqu u jisfnu l-ħin kollhu.

AQLEB GĦALL-MALTI:—

Mary looked at her brother. He looked sullen and wretched. Her resentment was soon gone. She threw both her arms round his neck and kissed him. The poor boy did not expect this. His heart was touched and he burst out crying. His kind sister took the corner of her apron, wiped away his tears, and tried to comfort him by saying with affection: "Dont' cry, George, you did not hurt me!" But he only wept the more; and I too felt tears in my eyes.

## TWEĠIBIET

Il-Poeta (Ġ. Delia), fil-qatra nida, safja u tleqq, li minn fuq xifer il-werqa ta' siġra tiġġarraf b'fewġa riħ u taqa' fil-ħamrija u titħammeġ, jistħajlu jilmaħ ir-ruħ tal-bniedem meta, safja u sabiħa fiż-żgħorija, tiġi li mbagħad taqa' fid-dnub, titkasbar u tikrieh.

2. Għalkemm għaddew mijiet tas-snin, int ja qanpiena kbira tal-Knisja ta' San Ġwann, bqajt dejjem issamma' d-daqq tiegħek sabiħ u qawwi fil-Jum tal-Festa l-Kbira ta' San Ġwann minn fil-għodu kmieni fuq din il-Belt Valletta li nbniet biex tkun tista' tilqa' l-egħdewwa ta' l-Insara, bla ma qatt taqa'. Leħnek kollu ferħ għadu jinsama' jixxerred

ma' l-ajru fil-waqt li tgħaddi l-purċissjoni twila fost id-devozzjoni tal-poplu mat-triqat indaf u jiddu bix-xemx tas-sajf.

3. *Mrieżaq* pl. ta' *merżuq*, = raġġi tax-xemx,
*Qasam*, pl. *oqsma* = biċċa raba',
*Fieres*, kelma qadima li tfisser Kavalier,
*Jitlewwen*, verb = jieħu l-lewn; verb denominativ immnissel minn *lewwen* = jagħti l-lewn. Hekk: *lewn*, *lewwen*, *tlewwen* (*t* + *lewwen*)

*Miżgħudin*, partiċipju passat tal-verb *żegħed* = mela

4. *Baqa'*, verb ewlieni trelitteru sħiħ. B-Q-GĦ.
*Nbniet*, tielet persuna singular femm. ta' l-Indikativ passat tal-verb riflessiv *nbena*. Verb imnissel minn *bena*. B.N.J.
*Jidwi*, tielet persuna singular maskil ta' l-Indikativ present tal-verb dgħajjef *dewa* D.W.J.

L-Imperattiv tal-verb *għadda* jagħmel *għaddi* u ma jeħux il-vokali qabel il-*għ* għax hu verb imnissel. Qabbel *mexxi* minn *mexxa*.

5. Present Futur, tielet persuna, plural

| | | |
|---|---|---|
| ta' deher | = | jidhru |
| bagħat | = | jibagħtu |
| qagħad | = | joqogħdu |
| għafas | = | jagħfsu |

6. Huma għoddsu l-baħar. Intom ħadtu dak li ridtu. Dawk it-tfal bkew ħafna. Jidħku u jiżfnu l-ħin kollu.

QLIB GĦALL-MALTI

Marija ħarset lejn ħuha. Hu kien jidher qalbu sewda u mdejjaq. Il-korla tagħha kienet għaddiet għal kollox. Tefgħet dirgħajha t-tnejn ma' dwar għonqu u bisitu. L-imsejken ta' tifel ma kienx jistenna dan. Qalbu ħasset u nfexx jibki. Oħtu, ħanina, qabdet it-tarf tal-fardal, mesħitlu d-dmugħ u riedet kieku ssabbru billi tgħidlu bi ħlewwa: "Tibkix, Ġorġ, ma weġġajtnix!" Iżda hu iżjed beda jibki; u jiena wkoll ħassejt id-dmugħ f'għajnejja.

## IL-ĦAMES KLASSI

## MISTOQSIJIET

### PARAFRASI U GRAMMATKA

1. Fisser fil-qosor ħsieb il-Poeta fil-poeżija li fiha dawn il-versi:—

Jien għalik, u tafu d-dinja,
 jiena kont l-akbar sultan
 jien għollejtek fuq bliet oħra,
 jien libbistek il-ħitan.
 . . . . . . . . . . . . . . . . . . .
 . . . . . . . . . . . . .
Tajtek ġidi, *tajtek għarqi,*
 tajtek demmi u kull ma fija!
 biss nitolbok għal dan kollu
 *tal-wiċċ tiegħi xi turija.*

Xi jfisser il-kliem immarkat korsiv?

2. Fisser bi kliem ieħor dawn il-versi:—

Xħin il-kewkba tal-Għarb tidher
u l-agħsafar jiksru s-skiet,
ta' kull jum Gawdenz u Rożi
jaqbdu t-trieq biż-żewġ merħliet;
 ferħanin it-tnejn flimkiem,
 għanja waħda sal-widien.
. . . . . . . . . . . . .
. . . . . . . . .
Malli x-xemx tgħib ġewwa x-xefaq
jiġbru kollox għall-mawrien,
Rożi titfa' l-kebs fuq rasha,
u jitilqu mill-widien.
 Huwa jsuq jibda l-baqriet
 lejn id-dwejra man-nagħġiet.

3. Agħti l-għerq tal-verb: *titfa'*, *jibda*; agħti l-plural tagħhom u hemeż *hom* mal-mamma tagħhom.

4. X'tifhem b'verb *Dgħajjef*, verb *Trux* u verb *Moħfi*. Agħti żewġ eżempji minn kull għamla.

5. Sewwi l-kitba tal-kliem fejn jinħtieġ:—Jen għitt lill-dawn biex ifiċċu jgħamlu l-lezioni. Dak jgħejr għaliħ La tagħfiċċ fit-tiwn. Jbżgħa għall-saħthek.

AQLEB GĦALL-MALTI :—

During the dreadful earthquake in Sicily in 1782, the Marchioness di Spadara, at Messina, fainted at the instant the earthquake happened, and was carried by her husband to the fort; but while he was preparing a boat for their departure the lady recovered from her fit; when perceiving that her infant son was left behind, she ran away to the house which was still standing, and proceeding to the room where the child lay, snatched it up from the cradle. When she attempted to return, she found that the staircase had fallen in; she ran from one part of the house to another, with the infant in her arms, imploring assistance from the multitude; when the whole building fell, burying the tender mother and her infant in the ruins.

## TWEĠIBIET

1. Il-Poeta (Ġ. A. Vassallo) jistħajjel li l-Grammastru La Valette iqum minn qabru u xħin jara li fil-Belt Valletta, li hu kien bena b'ġidu, b'ħiltu u bil-ħidma tiegħu qalbiena ma kien hemm ebda xbieha tiegħu, li tfakkar għemilu, iċanfarha bi sħiħ.

*Tajtek għarqi*, ħdimt għalik b'saħħti kollha.

*Tal-wiċċ tiegħi xi turija*, xi xbieha tiegħi.

2. Malli jisbaħ u l-agħsafar jibdew igħannu, Gawdenz u Rożi ta' kull jum jitilqu biż-żewġ merħliet tagħhom lejn il-widien, ferħana, igħannu t-trieq kollha.

. . . . . . . . . .

Malli tinżel ix-xemx jiġbru kollox biex jitilqu, Rożi titfa' fuq rasha l-ħatab li tkun ġabret għan-nar, Gawdenz isuq il-baqar u n-ngħaġ u erħilhom minn hemm għad-dar tagħhom.

3. Il-għerq tal-verb *titfa'* hu T. F. GĦ; tal-verb *jibda* hu B. D. J.

Il-plural tagħhom hu *titfgħu, jibdew*

*-hom* mal-mamma: *tefagħhom, bdiehom*

4. Verb *dgħajjef* hu dak il-verb li fil-għerq tiegħu hemm konsonanti dgħajfa waħda jew iżjed minn waħda. Eż. *beda wasal.*

Verb *trux* hu dak il-verb li l-mamma tiegħu hi magħmula minn tliet konsonanti u vokali waħda b'aċċent sħiħ wara l-ewwel konsonanti Eż. *mèss* u *għàdd.*

Verb *moħfi* hu dak il-verb li l-mamma tiegħu hi magħmula minn żewġ konsonanti b'vokali twila bejniethom,

Eż. *sâb*, *ġieb*.

5. Jien għidt lil dawn biex ifittxu jagħmlu l-lezzjoni. Dak igħir għalih. La tgħaffiġx fit-tjun. Ibża' għal saħħtek.

QLIB GĦALL-MALTI

Waqt it-terremot tal-biża' fi Sqallija fl-1782, il-Markiża di Spadaro, f'Messina, malli sar it-terremot intilfet minn sessiha (għoxiet) u żewġha ħadha fil-forti; iżda fil-waqt li kien qed iħejji dgħajsa biex jitilqu, martu ġiet f'sessiha (stejqret) u xħin indunat li lil binhom iż-żgħir kienu ħallewh warajhom, telqet tiġri lejn id-dar, li kienet għadha wieqfa, marret dritt fil-kamra fejn kien hemm it-tarbija u ħatfitha mill-benniena. Meta ġiet biex tarġa' lura, sabet li t-taraġ kien waqa'; bit-tarbija f'idha bdiet tiġri minn naħa waħda għall-oħra tad-dar titlob l-għajnuna min-nies, xħin il-bini waqa' u difen taħtu lill-ħanina omm u lit-tarbija tagħha.

# Xirka għat-Tixrid tal-Qari Malti (Eġittu)

KONKORS LETTERARJU—1 9 3 8

Ix-X.T.Q.M., bil-ħsieb li tħajjar liż-żgħażagħ jorqmu l-letteratura maltija u jinxeħtu aktar għall-kitba, qatgħet li tniedi korkors letterarju. Il-kondizzjonijiet huma dawn:—

1. Il-kitba trid tkun oriġinali u mhux qlib minn ilsna oħra u li qatt ma kienet mitbugħa qabel: Novella jew biċċa teatrali b'att wieħed, ta' kull ġens basta mhux kontra l-morali u jekk jista' jkun mhix storika—għax jeħtieġ li l-kittieb malti joħroġ minn dak iċ-ċirku li s'issa dejjem ingħalaq fih minn rajh.

2. L-ortografija trid tkun tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti; il-kitba mhix mirquma u b'ħafna kliem barrani mhux meħtieġ, tkun imwarrba.

3. Ta' kull kitba jridu jinbagħtu żewġ kopji bit-typewriter. Kopji miktuba bl-id, imma li jistgħu jinqraw bla tbatija, ikunu aċċettati wkoll.

4. Id-daqs tan-Novella għandu jkun ta' mhux anqas minn 1500 kelma u mhux iżjed minn 6000, u tal-buzzett dak ta' att normali (minn nofs siegħa sa tliet kwarti reċtar).

5. Ma' kull biċċa kitba jridu jinbagħtu 2/- permezz ta' Ordni Postali. Id-dħul għall-imseħbin tax-X T. Q. M. huwa b'xejn.

6. Kull kitba trid tasal għand l-Amministratur tax-X. T. Q. M. mhux iżjed tard mill-31 ta' Lulju 1938, flimkien mal-flus fuq imsemmija, taħt dan l-isem u f'dan l-indirizz: Ivo Muscat-Azzopardi, 5 Rue Keng Osman, Alexandria., Egypt.

7. Il-kittieb għandu jiffirma x-xogħol tiegħu bi psewdonomu. Dan il-psewdonomu, flimkien ma' isem il-kittieb, għandu jitqiegħed f'envelopp issiġillat u jinbagħat flimkien mal-kitba.

8. Dak li taqta' l-Kummissjoni ta' l-Eżaminaturi jingħadd b'siewi għal kollox u ħadd aktar ma jista' jħaqqu. Il-Kummissjoni żżomm kull jedd: (1) li ma traġġâx il-kitba li tinbagħtilha, (2) li titbagħ dik il-kitba li, għalkemm ma tkunx ħadet premju, tkun tajba biż-żejjed bħala xogħol letterarju.

9. Il-premijiet huma tlieta: L-ewwel ta' £3., it-tieni ta' £2., u t-tielet ta' £1.; imma xi wħud minnhom jistgħu ma jingħatawx jekk ma jkunx hemm kittieba tajba biżżejjed li fil-fehma ta' l-Eżaminaturi ma jkunx jistħoqqilhom il-premijiet imnidijin

Lixandra, 1 ta' Frar, 1938.

Ivo Muscat-Azzopardi
Amministratur

Ant. G. Said
Editur.

---

—Ħallejna għal darb'oħra l-artikolu tas-sur Nin Cremona fuq il-"Kliem Malti..." li jissokta ma' l-aħħar ħarġa, kif ukoll il-lista tal-kotba li ħarġu bl-ortografija tagħna u kelmtejn fuqhom,—fost dawn hemm poema sabiħa ħafna "L-jien u lil hinn minnu" ta' Dun Karm u "Ċejlu Tonna" maħruġ mix-X.T.Q.M. (Eġittu).

Direttur : Mons. Dun KARM PSAILA

---

Ħlas 1/6 fis-sena. Ktieb wieħed -/6

Kull xorta ta' kitba, ħlas, jew ħwejjeġ oħra li għandhom x'jaqsmu mal-MALTI, jinbagħtu lil F. S. Caruana, c/o "Empire Press" Valletta.